**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 2/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Dylan Azzopardi**

**Illum, 4 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **DYLAN AZZOPARDI** bin Jason u Rita xebba Xerri, imwieled Pieta' fil-15 ta' April tas-sena 1993, residenti Morning Dew, Flt. 6, Triq il-Blajjet, Marsascala, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru **184293M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-UNIKU KAP**

***Pussess ta' raża tal-Kannabis mhux għall-użu esklussiv tal-akkużat***

Illi nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-drogi kellha nformazzjoni kunfidenzjali li kienet se ssir attivita' illeċita relatata mat-traffikar ta' droga fl-inħawi ta' Ħal Luqa fejn skont l-imsemmija nformazzjoni kien hemm involuti diversi persuni li f'dak li-istadju isimhom kien għadu mhux magħruf.

Illi frott din l-informazzjoni l-Pulizija għamlet sorveljanza dak in-nhar stess ġewwa Ħal Luqa, speċifikatament fl-inħawi ta' Triq Andre' Vassallo fejn għall-ħabta ta' bejn is-siegħa (01.00) u s-siegħa u nofs (01.30) ta' filgħodu tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar ġiet innutata vettura suspettuża tal-għamla Daewoo Matiz targata FDK471.

Illi minn aktar sorveljanza fuq l-imsemmija vettura ġie deċiż li l-istess tiġi mwaqqfa meta dehret ħierġa l'barra mill-imsemmija akwati. Illi dina l-vettura filfatt twaqqfet permezz ta' żewġ vetturi misjuqa mill-Pulizija. Illi malli l-Pulizija jdentifikaw rwieħom it-tlett persuni li kien hemm fiha taw is-salt u ppruvaw jaħarbu minn fuq il-post, iżda dan kien kollu għalxejn għaliex il-Pulizija irnexxielha żżommhom u tarrestahom.

Illi minn aktar investigazzjoni ergo minn tfittxija li saret fl-imsemmija vettura Daewo Matiz il-Pulizija elevat, fost affarijiet oħra, baskett li fih kien hemm ammont ta' pakketti mdaqqsin u mdawrin bit-*tape* u *stretch and seal*, suspettati li setgħu kienu jikkontjenu r-raża tal-Cannabis. Illi mas-sejba ta' dina s-sustanza l-Pulizija nfurmat lil Maġistrat tal-għassa li minn naħa tagħha dlonk ħatret numru ta' esperti biex jassistu u jippreżervaw kull prova u evidenza li kienet preżenti fuq ix-xena tad-delitt.

Illi minn tali investigazzjoni rriżulta li dawn il-tlett persuni kienu ftehmu flimkien sabiex jidħlu fil-fond bl-isem ta' Pranant House, li jinsab ġewwa Triq Andre' Vassallo, Luqa li dak iż-żmien kien qed jagħmel użu minnu ċertu **Dylan Azzopardi**, minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat. Illi filfatt huma irnexxielhom jagħmlu dan billi aċċedew mill-fond li jinsab biswit l-imsemmi fond, qalgħu ċangun mill-ħajt diviżorju sabiex ikollhom aċċess għall-fond tal-akkużat. Illi mill-imsemmi fond huma ħadu baskett, l-istess baskett li nstab ġewwa l-vettura Daewoo Matiz meta kienu interċettati mill-Pulizija li kienu taħt sorveljanza fl-akwati.

Illi b'tali nformazzjoni l-pulizija talbet għall-mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkużat bil-Pulizija tibqa' għassa mal-imsemmi fond. Illi malli l-akkużat ġie ntraċċat ġie mitkellem, ingħata d-drittijiet tiegħu fejn ġie nfurmat bil-mandat ta' arrest

u tfittxija. Illi mit-tfittxija li saret fir-residenza ġewwa Marsascala ma nstab xejn illeċitu.

Illi minn tfittxijiet ulterjuri li saru fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha l-akkużat, Toyota Vitz ta' kulur il-fidda, targata LCW 273, eżattament minn taħt it-tapit, il-pulizija elevat ċavetta, liema ċavetta qablet mal-imsemmi fond bl-isem ta' Pranant House. Illi malli l-Pulizija aċċediet fil-fond ġiet innutata vettura tal-marka Land Rover, li tgħajjat ukoll lill-akkużat. Illi minn tfittxijiet ulterjuri li saru fl-imsemmi fond, minn ġewwa l-cooking hob tal-kċina, il-Pulizija elevat ħames (5) blokkok issuspettati raża tal-kannabis. Illi mas-sejba ta' dina s-sustanza l-Pulizija nfurmat lil Maġistrat tal-għassa li minn naħa tagħha ħatret numru ta' esperti biex jassistu u jippreżervaw kull prova u evidenza li kienet preżenti fuq ix-xena tad-delitt.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet kemm fil-baskett li l-pulizija elevat minn ġewwa l-vettura, li allegatament insteraq minn ġewwa l-imsemmi fond tal-akkużat, kif ukoll minn ġewwa l-hob tal-kċina tal-istess fond, ġie kkonfermat li s-sustanza kollha kienet tikkontjeni r-raża tal-kannabis fl-ammont nett ta' ċirka erba' (4) kilogrammi (4kg) bil-purita' ta' ċirka sebgħa fil-mija (7%).

Illi b'għemilu l-akkużat **Dylan Azzopardi** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif

provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, akkuża lill-imsemmi akkużat **Dylan Azzopardi** ħatji talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u fil-jiem ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet preżentati mill-akkużat nhar il-15 ta' Frar 2024 fejn eċċepixxa is-segwenti.

1. In-nullita ta' l-Att ta' l-Akkuża in kwantu r-reat dedott fi-kap uniku tiegħu ma ġiex miġjub jew deskritt fis-sustanza bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi u ċioe fl-artikolu 8 (a) ta' L-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ( Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta)
2. L-ammissibilta ta' dik il-parti ta-xhieda ta' PC 317 Alicia Mamo fejn tirreferi għal dak allegatament mistqarr mill-esponent in kwantu kekk ġie mistqarr dak li qed tgħid ix-xhud dan sar mingħajr ma ġew mogħtija d-drittijei legali lil-istess esponent mingħajr il-kawteli li trid il-Liġi.
3. L-inammissibilita tax-xhieda ta' Paula Camilleri u tad-dokumenti minnha esebiti in kwantu din ix-xhud ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali.
4. L-inammissibilita tax-xhieda ta' Alexia Attard inkwantu ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l -Avukat Ġenerali u l-konsegwenti inammissibilita tad-dokumenti minnha esebiti.
5. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita tar-raba' eċċezzjoni, l-inammisibilta ta' Dok Y esebit minn Alexia Attard inkwantu l-awtur tiegħu PS 650 Justin Tabone ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja.

6. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita tar-raba' eċċezzjoni, l-inammisibilita ta' Dok GS1 esebit mad-dokumenti esebiti min Alexia Attard in kwantu qatt ma saret referena għalih mill-istess xhud.
7. L-inamissibilitia ta-xhieda ta' Oriana Deguara inkwantu ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u l-konsegwenti inammissibilita tal-proċess verbal minnha esebit u tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' l-esperti maħtura f'dak il-proċess verbal.
8. L-inammissibilita tax-xhieda ta' l-Ispettur Anthony Scerri inkwantu ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u inkwantu d-dokumenti minnu esebiti ġew redatti minn PS 650 Justin Tabone li ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja.
9. L-inammissibilita tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' Joseph Mallia in kwantu huma msejsa fuq xogħol li sar minn PS 650 Jutin Tabone li ma ġiex indikat fil-lista tax-xieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja.

Semgħet lill Dr KevinValletta jiddikjara għan-nom tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2024 li fir-rigward għat-tieni eċċezzjoni m'għandux oġġezzjoni li PC 317 Alessia Mamo ma tixhidx fuq dak li intqal lilha mill-akkużat waqt li hija marret biex tesegwixxi l-mandat ta' arrest fuqu.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-eċċezzjonijiet fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2024 u rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza preliminari.

Ikkunsidrat.

<u>**Fl-ewwel eċċezzjoni**</u>

**L-Att tal-Akkuża hija nulla in kwantu r-reat dedott fil-kap uniku tiegħu ma ġiex miġjub jew deskritt fis-sustanza bħal ma hu miġjub jew deskritt il-Liġi u ċioe fl-artikolu 8 (a) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ( Kap 101 tal-liġijiet ta'**

**Malta) u dan għaliex jistqarr li huwa b'hekk ma jafx x'inhuma l-ingredjenti tar-reat li bih ġie akkużat .**

L-Avukat Ġenerali fl-ewwel Kap tal-akkuża fil-parti aħħarija tagħha jakkuża lill-Dylan Azopardi li kellu fil-pusess tiegħu r-raża tal-Cannabis meta ma kienx fil-pusess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pusess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Dan hu ir-reat li inħareġ skond dak kontemplat fl-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta.
L-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi is-segwenti:

> *8.Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –*
> *(a) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transit u minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijietl li jkollhom bħala bażi din ir-raża;*

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal sentenza pjuttost riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt Omissis**[1] fejn ġie ritenut is-segwenti fir-rigward tal-Att t' Akkuża:

> *25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkużi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk:*
>
> *"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*
> *(a) isemmi l-Qorti li jinġieb quddiemha;*
> *(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*

[1] Deciza nhar is-27 t' Ottubru, 2022.

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*
*(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."*

Din l-eċċezzjoni għalkemm id-difiża ma ssemmix l-artikolu tal-liġi hija imsejħa fuq l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk: '

*(5) L-inkompetenza tal-Qorti u n-nullità tal-Att tal-Akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-Qorti ex officio, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri:*

*Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*
*(a) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;*
*(b) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att'*

Għaldaqstant, kif ingħad supra, l-iskop tas-sub-inċiżi (a) u (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li l-akkużat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jibni d-difiża tiegħu u li wara l-verdett tal-ġurati li, fil-verita', hija dikjarazzjoni li ċerti fatti saru, ma jiġix ikkundat għal fatt li ma jammontax għal reat.

Illi għalkemm huwa minnu li l-Avukat Ġenerali ma pprovdix x'jgħid ir-regolament citat supra, verbatim fl-Att t'Akkuża, il-ġist xorta waħda qiegħed hemm u l-akkużat jaf eżett biex qed jigi akkużat u ċioe ta' pusess tar-raza tal-Cannabis. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Emanuel sive Leli Camilleri**[2]:

> *'..dak li l-liġi trid hu li "r-reat jiġi deskritt fis-sustanza, jiġifieri fl-elementi essenzjali tiegħu, bl-istess mod bħal ma hu deskritt fil-liġi, u mhux neċessarjament li jintużaw l-istess kliem eżatti li hemm fil-liġi jew kull kelma li hemm fil-liġi". Għalhekk fejn kap f'Att ta' Akkuża jallega reat li ma jeżistix fil-liġi tagħna, dak il-kap huwa null. Iżda fejn reat li jeżisti fil-liġi tagħna ma jiġix deskritt akkuratament, iżda "fis-sustanza" tali kap jiddeskrivi r-reat in kwistjoni, allura dak ma jġibx in-nullita` izda, għall-fini ta' aktar kjarezza, tista' tigi ordnata korrezzjoni mill-Qorti.*

F'dan il-każ ma hemmx dubju li l-akkużat jaf ben tajjeb ta' xix qed jiġi akkużat u ċioe tar-reat ta' pusess tad-droga raża tal-Cannabis u għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**It-tieni eċċezzjoni**

**l-inammisibilita ta' dik il-parti tax-xhieda ta' PC 317 Alicia Mamo fejn tirreferi għal dak allegatament misqarr mill-esponenti inkwantu jekk ġie misqtarr dak li qed tgħid ix-xhud dan sar mingħajr ma ġew mogħtija id-drittijiet legali lill-istess esponent u mingħajr il-kawteli li trid il-liġi.**

Illi jirriżulta minn eżami tal-proċess li PC 317 Alicia Mamo xehdet nhar is-17 ta' Marzu 2016 ( fol. 43) u tgħid li Dylan qallha li għandu aċċess għal garaxx minħabba li juża l-garaxx stess biex idaħħal l-vettura tiegħu. Evidentement jirriżulta ukoll li dan il-kliem intqal lilha qabel ma ingħata id-drittijiet tiegħu skond il-liġi lanqas il-kawtela

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-6 t' Ottubru, 2003

ġenerali li mhuwiex obbigat li iwieġeb għad d-domandi li ser isirulu għaliex jista jinkrimina ruhu. Mhemmx dubju li d-dritt tas-silenzja ma ingħatax lilu fil-ħin meta ġie mitkellem mill-Uffiċċjal tal-pulizija PC 317. Dan id-dritt hu dritt sagrosant u ilu jesisti fil-Kostituzzjonit ta' Malta u fil-kodiċi penali tagħha u għal għexieren ta' snin u jifforma dritt fundamentali ta' suspettat li jibqa sieket u ma jinkriminax ruhu sabx b'hekk ma jiġix priv mid-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq.

Fir-rigward, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, għalkemm id-dritt għal smigħ xieraq kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jinkludix espressament id-dritt li persuna ma tinkriminax ruha jew id-dritt għas-silenzju, il-prinċipji kontra l-użu ta' evidenza miksuba b'leżżjoni ta' dawn id-drittijiet huma ben assodati fis-sistemi ġuridiċi mhux biss tal-Ewropa iżda wkoll internazzjonali, fejn ġew rikonoxxuti bħala espressjonijiet bażiċi tal-liberta` personali u dinjita` tal-individwu kontra l-eżerċizzju ta' koercizzjoni tal-Istat. Bhala tali, jinghad li huwa pacifiku illi dawn id-drittijiet jifformaw wieħed mill-pilastri fondamentali tal-jedd għal smiegħ xieraq[3] . Fil-kaz **John Murray v. United Kingdom**[4] , il-Qorti Ewropea għamlet is-segwenti osservazzjonijiet in materja:-

> *"Although not specifically mentioned in Article 6 (art. 6) of the Convention, there can be no doubt that the right to remain silent under police questioning and the privilege against self-incrimination are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6 (art. 6) … By providing the accused with protection against improper compulsion by the authorities these immunities contribute to avoiding miscarriages of justice and to securing the aims of Article 6 (art. 6)".*

[3] Vide Saunders v. UK, deciz 17 ta' Dicembru 1996
[4] Appl. No. 18731/91, deciza 8 ta' Frar 1996

*The right not to incriminate oneself . . . presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in Article 6 § 2 of the Convention."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali,** deċiża fis-16 ta' Mejju, 2006, fejn ingħad testwalment illi *"id-dritt tas-silenzju, kif inhu sallum salvagwardjat fil-liġi, huwa wieħed assolut u ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jinkrimina lilu nnifsu. Apparti minn hekk, jekk dak li jkun jipprevalixxi ruħu minn dak id-dritt tas-silenzju, ma jistax imbgħad, jekk jittieħdu xi proċeduri kontrih, jintua kotnrih."* Bl-istess mod, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Novembru, 2006 ikkonfermat illi *"fil-liġi tagħna, id-dritt tas-silenzju mhux mittiefes.. illi jekk xi ħadd għandu dritt ma jweġibx, ħażin li tibġed xi inferenza jew tistenna mingħandu jgħid għala dakinhar ma weġibx"*

Inoltre, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur A. Farrugia) vs. Carmelo Falzon u Emanuel Falzon**, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Mejju, 2007, ingħad illi **"...** *skond il-prassi u l-ġurisprudenza applikabbli sal-llum ma għandha u ma tista' tinġibed ebda inferenza ta' ħtija mis-silenzju tal-persuna suspettata waqt l-interrogatorju la darba din għandha mhux biss id-dritt li tibqa' siekta iżda tiġi ukoll normalment informata b'dan id-dritt fil-bidu tal-interrogatorju bis-"solita twissija";*

Persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u ċioè li tibqa' siekta tant li *"The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained*

*through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*[5]". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares."

Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza mogħtija riċentament minn din il-Qorti fl-ismijiet **ir-Republika ta Malta vs Jonathon Cassar** nhar l-4 ta Marzu 2024 fejn ġie enfasizzat meta kient qed titratta eċċezzjoni kon simili li:-

> *Ma hemmx dubju, anke kif saħansitra qal ukoll l-Avukat Ġenerali waqt it-trattazzjoni tiegħu, illi dak kollu li qal l-akkużat qabel ma ngħata d-drittijiet legali tiegħu huwa inammissibli*

Illi għalhekk stante li d-dritt tas-silenzju ma ġiex rispettat u cioe li tali dritt ma ingħatax lill-akkużat qabel ma ġie mitkellem minn PC 317 Alicia Mamo minkejja li f'dak l-istadju l-akkużat ġja kien qed jigi trattat bħala supettat , din ix-xhieda kif rapportata aktar il'fuq għandha tiġi sfilzata u cioe ma tiġix rapportata lil ġurija u mhux sempliċiment għaliex l-Avukat Ġenerali ddikjara li m'għandux oġġezzjoni li tali xhieda ma tingħatax waqt il-ġuri.

Din it-tieni eċċezzjoni qed tiġi milqugħa.

**It-tielet eċċezzjoni**

**L-inammissibilita tax-xhieda ta' Paula Camilleri u tad-dokumenti minnha esebiti in kwantu din ix-xhud ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali**

**L-artikolu relevanti għal din l-eċċezzjoni huwa dak ta' 590 (2) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta fejn jingħad li:**

---

[5] Shannon v. United Kingdom deciz 4 ta Jannar 2006 *Application no. 6563/03)*

*(2) Ma' l-att tal-akkuża l-Avukat Ġenerali għandu jipprezenta wkoll nota tax-xhieda, dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li jipproduċi fil-kawża.*

Minn eżami tal-atti kompilatorji jidher ċar li Paula Camilleri, rappreżentant ta' Identity Malta xehdet fl-atti tal-kumpilazzjni nhar is-26 ta' Lulju, 207 ( fol. 145) u esebiet dok PC1. Illi minn eżami tal-lista tax-xhieda preżentata mill-Avukat Ġenerali flimkien mal-akkuża tali xhud ma hiex indikata u ma sar l-ebda rikors minnu fi stadju ulterjuri sabiex din ix-xhud tiġi ammessa u għalhekk minħabba dan in-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali din ix-xhud ma tistax tixhed fil-ġuri, b'dan pero tordna li ix-xhieda mogħtija minnha quddiem l-ewwel Qorti tibqa inserita fl-atti.

Fir-rigward tad-dokument esebita minnha u cioe Dok PC1 jingħad li l-akkużat ma għandux raġun. Tgħid illi trid issir distinzjoni bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju ta' dokument. Għalhekk din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant** [6]fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk f'dan ir-rigward:

*3. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jiġi dikjarat inammissibbli. Wieħed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jingħata lil tali dokument. Għalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jiġi eżebit dokument li jkun irreġistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u reġistrazzjonijiet oħra simili – jittella' jixhed xi ħadd li jkun jista' jikkonferma kif u taħt liema ċirkostanza saret dik ir-reġistrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit għall-ammissibilita` tad-dokument. Biżżejjed wieħed jieħu l-każ ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi ħadd qed jagħmel xi ħaġa li tkun relevanti għall-meritu*

[6] Deciza nhar il-15 t' Ottubru, 2007

*tal-każ; il-persuna li tkun ħadet dak ir-ritratt jew ġibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraċċabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bħalma għandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l- oġġett),* ***<u>iżda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli</u>. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew ġibed il-filmat (jew irreġistra l-konversazzjoni) jista', skond iċ-ċirkostanzi, jinċidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu*** *– għalhekk* ***il-valur probatorju****. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun ħadet ir-ritratt jew filmat, jew li rreġistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per eżempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi ħadd qed jagħmel xi ħaġa – l-azzjoni tkun ċara iżda ma jkunx jista' jiġi identifikat min qed jagħmel dik l-azzjoni, ċioe` jekk hux l-imputat jew persuna oħra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx għax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet ġiet deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Diċembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja</u>***[7] *u in segwitu konfermata fuq dan il- punt minn din il-Qorti kolleġjalment komposta.*[8] *Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' reġistrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefoniċi li allegatament kienu saru bejn l-akkużat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tgħid min irregistraha u kif dik ir-*

---

[7] Att ta' Akkuza numru 20/97
[8] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000

*reġistrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-każ kienet għamlet referenza għall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***Kuruma, son of Kaniu v. The Queen***[9] ***jingħad hekk: "…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle****." Għalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-prinċipju jibqa' li t-test huwa dak* ***tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew reġistrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jiġifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif ingħad il-kwistjoni tal-valur probatorju.*** *Mill-banda l-oħra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tiġi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew reġistrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-Qorti tista' tasal għall-konklużżjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu*[10]*. Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza, li l-abbli difensur ta' l-appellant saħaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit- trattazzjoni, tqum biss – u*

[9] [1955] AC 197

[10] "A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender." – Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145

*dan, fi kwalunkwe każ,* ***fil-kuntest tal-valur probatorju*** *– jekk kemm-il darba jkun irid jiġi stabbilit li l-oġġett in kwistjoni huwa l-istess oġġett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oġġett ġie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi proprjeta` tiegħu li tista' tgħin fil-prova tal-ħtija jew tal-innoċenza tal-imputat jew akkużat.'*

Il-fatt li x-xhud Paula Camilleri ġiet dikjarata inammissibli ma ifissirx li d-dokument esebita minnha għandu jiġi dikjarat inammissibbili. Din il-biċċa evidenza hija iktar xi ħaġa li taffetwa l-valur probatorju tagħha'

**Ir-raba eċċezzjoni - L-inammissibilita tax-xhieda ta' Alexia Attard inkwantu ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u l-konsegwenti inammissibilita tad-dokumenti minnha esebiti**

Ix-xhud Alexia Attard, Deputat Reġistratur tal-Qorti xehdet nhar il-21 ta' Marzu 2018 u ppeżentat veru kopji ta' Dok DS2 u DOK JT1 l. Spjegat lil-oriġinal ta' dawn iż-żewg dokumenti jinsabu esebiti fl-atti ta' kawża oħra fl-isimijiet **Il-Pulizija vs Luke Vella**. Dawn iż-żewg dokumenti ġew markati bħala dok X u Y u jinsabu esebita a fol. 221 et seq. Hawnhekk ukoll il-Qorti tirrileva li kien nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali li ma jindikax tali xhud fil-lista tax-xhieda tiegħu u konsegwentement minħabba dak dispost fl-artikolu 590 (2) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa stante li tali xhud messu ġie indikat meta ġiet preżentata l-Att tal-akkuża, b'dan pero tordna li ix-xhieda mogħtija minnha quddiem l-ewwel Qorti tibqa inserita fl-atti.Fir-rigward tad-dokumenti esebiti minnha u cioe X u Y dawn pero m'għandhomx jiġu sfilazati u/jew dikjarati inammissibli għall-istess raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti meta trattat it-tielet eċċezzjoni.

Għalhekk fir-rigward il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni fir-rigward tat-talba biex tiġi dikjarata inammisibli x-xhud Alexia Attard iżda mhux fir-rigward tad-dokumenti minnha esebita.

**Il-ħames eċċezzjoni**

**Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita tar-raba' eċċezzjoni, l- inammisibilta ta' Dok Y esebit minn Alexia Attard inkwantu l-awtur tiegħu PS 650 Justin Tabone ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja**

Illi tali dokument ġja ġie trattat fir-raba eċċezzjoni fejn ġie dikajrat li huwa ammissibli minkejja li l-pesuna li ppreżentat dan id-dokument ġie dikjarat inammissibli. Per hawnhekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'raġuni oħra mid-difiża għaliex għandha tiddikjara tali dokument bħala inammisisbli u dan għaliex l-awtur tiegħu PS 650 Justin Tabone ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali. Din l-Qorti għal darb'oħra isostni li dan hu nuqqas lampanti tal-Avukat Ġenerali li jirrisali għal traskuraġni minn naħa tiegħu. Pero għal darb'oħra din hija materja ta x'valur probatorju għandu jingħata lil tali dokument u mhux li dan id-dokument jiġi dikjarat inammissibli għalhekk tali talba qed tiġi miċħuda. Minkejja li tiddikjara li x-xhud Alexia Attard mhiex xhud ammissibli tordna li x-xhieda mogħtija minnha quddiem l-ewwel Qorti tibqa inserita fl-atti.

**Is-sitt eċċezzjoni.**

**Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita tar-raba' eċċezzjoni, l-inammisibilita ta' Dok GS1 esebit mad-dokumenti esebiti minn Alexia Attard in kwantu qatt ma saret referena ghalih mill-istess xhud.**

Jingħad li x-xhud Alexia Attard ġiet trattata fir-raba eċċezzjoni fejn ġiet dikjarata bħal xhud inammissibli għaliex ma ġietx indikata mill-Avukat Ġenerali b'nuqqas tiegħu

fil-lista tax-xhieda tiegħu. Dwar l-inammissibilita tad-dokument din il-Qorti ghal; darb'oħra tiddikjara li din hi materja dwar valur probatorju li għandu jingħata lid-dokument kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-ġurija una volta jkollha gwida mill-Qorti dwar kif għandu jiġi valutat dokument sabiex ikollu l-valur probatorju sal-livell rikjest mill-liġi u għalhekk din il-Qorti qeda tiċħad dik il-parti tal-eċċezzjoni fejn id-difiża talbet li d- dokument GS1 jiġi dikjarat inammissibli.

**Is-sebgħa eċċezzjoni**

**L-inamissibilita ta-xhieda ta' Oriana Deguara inkwantu ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u l-konsegwenti inammissibilita tal-proċess verbal minnha esebit u tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' l-esperti maħtura f'dak il-process verbal.**

Dak li ingħad fir-rigward tas-sitt eccezzjoni dwar in nuqqas ta' ammissibilita tax-xhud Alexia Attard jingħad fir- rigward ta' Oriana Deguara għall-istess raġunijiet għaliex ma ġietx indikata fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali b'dan pero tordna li x-xhieda mogħtija minnha quddiem l-ewwel Qorti tibqa inserita fl-atti. Jingħad ukoll li dak li intqal fir-rigward id-dokument GS1 japplika għad-dokument konsitenti fl-eżibizzjoni tal-proċess verbal. Dan id-dokument Proċess Verbal ukoll qed jiġi dikjarat li huwa ammissibli mingħajr preġuddizzju għal valur probatorju tiegħu.

**It-tmien eċċezzjoni**

**L--inammissibilita tax-xhieda ta' l-Ispettur Anthony Scerri inkwantu ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u inkwantu d-dokumenti minnu esebiti ġew redatti minn PS 650 Justin Tabone li ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja.**

Dak li ingħad fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni dwar in- nuqqas ta' ammissibilita tax-xhud Alexia Attard u tas-seba' eċċezzjoni fir-rigward tax-xhud Oriana Deguara japplika għax-xhud Spettur Anthony Scerri għall-istess raġunijiet għaliex ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali u għahekk dan hu xhud immissibli

b'dan pero tordna li ix-xhieda mogħtija minnha quddiem l-ewwel Qorti tibqa' inserita fl-atti. Fir-rigward tat-talba tad-difiża sabiex tiddikjara li d-dokumenti esebiti mill-ispettur jiġu ddikjarati inammissibli jingad li d-difiża naqset mili tidentifika liema huma dawn id-dokumenti. Pero din il-Qorti fliet il-proċess u jirriżulta li l-ispettur Anthony Scerri ippreżenta nhar it-3 ta' Otturu 2018 għoxrin ritratt markati bħal dok AS1 sa Dok AS20 kif ukoll rapport AS21 ( fol. 32) . Naturalment dak li intqal supra fir-rigward ta' ammisibilita ta' dokument fis-sitt sebgħa u tmien eċċezzjoni japplika mutatis mutandi għal din l-eċċezzjoni u għalhekk dawn l-istess dokumenti ma humiex qed jiġu dikjarati inammissibli.
Dawn id-dokumenti qed jiġu dikjarati li huma ammissibli mingħajr preġuddizzju għal valur probatorju tagħhom.

**Id-Disgħa eċċezzjoni**
**L-inammissibilita tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' Joseph Mallia in kwantu huma imsejsa fuq xogħol li sar minn PS 650 Justin Tabone li ma ġiex indikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali u qatt ma xehed fl-istruttorja**.

Hawnhekk ukol il-Qorti hija rinfaċċjata b'xhieda tax- xhud Joseph Mallia li bbaża l-eżamijiet li għamel fuq xogħol ta' persuna oħra u ċioe PS 650 Justin Tabone li ma xehdx f'dawn il-proċeduri. Hawnhekk għal darb'oħra dina il-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal supra fir-rigward ta' esebizzjoni ta' dokument. Il-Qorti ma hiex ser tilqa' tali eċċezzjoni li tiddikjara ir-rapport ta' Joseph Mallia inammissibli għaliex din hi materja dwar valur probatorju li jitħallas f'idejn min għandu jiġġudika l-fatti li f'dan il-każ huma il-ġurati. Il-Qorti tagħmilha ċara li għandha l-obbligu li tispjega lil ġurati l-livell ta' prova jridu iresqu l-partijiet fil-Ġuri u l-valur probatorju ta' dokument. Għalhekk f'dan il-każ id-dokument jibqa ammissibli mingħajr preġudizzju għal valur probatorju tiegħu.

Din il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad id-disgħa eċċezzjoni.

**Għalhekk din il-Qorti qeda tiċħad l-ewwel , it-tieni , il-ħames, s-sitt u d-disgħa eċċezzjoni fit-totalita tagħhom, tilqa' t-tieni eċċezzjoni fit-totalita tagħha, tilqa' it-tielet eċċezzjoni limitatament fejn qiegħda tiddikjara ix-xhud Paula Camilleri bħala xhud inammissibli iżda mhux li jiġu sfilzati id-dokumenti minnha esebiti u lanqas li jiġu dikjarati prova mhux ammissibli, tilqa' r-raba eċċezzjoni limitatament fejn qiegħda tiddikjara ix-xhud Alessia Alttard bħala xhud inammissibli iżda mhux li jiġu sfilzati id-dokumenti minnha esebiti u lanqas li jiġu dikjarati prova mhux ammissibli, tilqa' s-sebgħa eċċezzjoni limitament fejn qieġġda tiddikjara ix-xhud Oriana Deguara bħala xhud inammissibli iżda mhux li jiġi sfilzat d-dokument minnha preżentatat u lanqas li jiġi dikjarat bħal aprovat mhux ammissibli, tilqa' s-sebgħa eċċezzjoni limitatament fejn qiegħda tiddikjara ix-xhud Spettur Anthony Scerri bħala xhud inammissibli iżda mhux li jiġi sfilzat d-dokumenti minnu preżentatati u lanqas li jiġu dikjarati bħala prova mhux ammissibli.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**